# PADRE OTTOMANO

*Ta'* ALFIE GUILLAUMIER

## OSMAN ISIR PATRI DUMNIKAN

(*It-Tieni Taqsima*)

Fit-18 ta' Diċembru, 1644, lill-Gran Mastru Lascaris qalulu li Ibraħim kien jinsab imgħaddab bl-aħrax kontra Malta minħabba t-telfa tal-Galjun, il-jasar ta' ibnu u s-Sultana Zafira bil-persuni reali li kellha magħha; għalhekk ried jeqred l-Ordni Ġerosolmitan minn Malta. Ried ukoll jieħu sodisfazzjon mir-Re ta' Franza, talli l-Ġeneral ta' l-Iskwadra ta' Malta kien Franċiż, u l-biċċa l-kbira tal-Kavalieri kienu Franċiżi wkoll. Ried jieħu wkoll mill-ħakma tal-Venezjani il-gżira ta' Kandja, talli laqgħet fil-portijiet tagħha l-iskwadra ta' Malta.

B'danakollu, Osman, iltim minn ommu u mbiegħed minn missieru, beda jikber taħt il-protezzjoni tal-Gran Mastru u sakemm kellu 13-il sena kien għadu ma tgħammidx. Dan kien ta' tħassib għall-Gran Mastru li mill-banda l-oħra xtaq ukoll li jagħtih edukazzjoni tajba li ma tagħmilx għajb lill-Prinċep. Għalhekk ġabar il-Kunsill, min igħid ħaġa u min igħid oħra, iżda fl-aħħar inqata' li għandhom iħalluh f'idejn il-Patrijiet Dumnikani tal-Belt, billi hemm ikun protett aktar waqt xi ħbit għal għarrieda. Fil-ħin saru arranġamenti ma' Patri Majjestru Fra Placido Leante, Vigarju Ġenerali tal-Kunventi ta' l-Ordni Dumnikan ta' Malta, u l-Gran Mastru tah l-inkarigu tat-tfajjel, li għalih Patri Majjestru ħassu onorat wisq. Fis-17 ta' Novembru, 1654, il-Balliju Fra Tommaso de Gozes flimkien ma' Kavalieri oħra, ħarġu lil Osman mid-dar ta' Ignazio di Ribera fejn kien miżmum, u ħaduh ġo karrozzella, lejn il-Kunvent fejn ġie milqugħ bil-ferħ mill-Patrijiet.

Taħt idejn il-Patrijiet, Osman beda t-tagħlim tal-lingwi, u magħhom ir-reliġjon kattolika, li l-patrijiet tant xtaquh iħaddan. Kienet fil-festa tal-Milied tas-sena 1656 li Osman wera x-xewqa li jitgħammed.

Minnufih ġie mgħarraf il-Gran Mastru li feraħ wisq, u warajh, il-Fra Luca Bueno, Prijur tal-Knisja ta' San Ġwann, li ma kienx jistenna ħaġ'oħra. Saru festi kbar u fit-23 ta' Frar, 1657, Osman tgħammed, ħa l-isem ta' Domenico di San Tommaso, u għamillu parrinu l-istess Gran Mastru.

Ibraħim kien żamm kelmtu, u mar jattakka Kandja; hekk ukoll żamm kelmtu ibnu Osman għaliex baqa' miexi sewwa fl-istudju tiegħu. Ftit żmien wara, Domenico di San Tommaso wera x-xewqa li jkollu l-ġieħ li jsir patri — għaddiet korrispondenza fit-tul bejn

il-Papa Xandru VII u l-Ġeneral tad-Dumnikani biex jiksbu l-permess; Osman libes l-abitu abjad tal-patrijiet Predikaturi fil-knisja tal-Madonna ta' l-Għar tar-Rabat fit-30 ta' Ottubru, 1656 fl-età ta' 18-il sena.

Wara li temm l-istudju tiegħu f'Malta fejn wera li jipprometti, il-Patrijiet Dumnikani kienu tal-fehma li jagħtuh edukazzjoni akbar barra minn Malta. Il-Gran Mastru, bħala l-bniedem li kien qed iħallas għat-tagħlim tiegħu, għoġbitu din l-idea, u għalhekk għal-ħabta ta' Marzu ta' l-1660, Fra Domenico di San Tommaso ġie mibgħut lejn Napli, f'kunvent ieħor ta' l-istess Ordni mnejn ħarġu għadd ta' Patrijiet għorrief li għamlu isem mad-dinja.

Imgħarraf b'Osman, il-Papa xtaq jarah u jkellmu għalhekk għall-aħħar ta' Marzu tah udjenza u qiegħdu fil-kunvent della Minerva ta' Ruma, li dak iż-żmien kien magħruf mhux ftit. L-identità ta' Osman saret magħrufa minn kull fejn għadda, għaliex hemm marru jżuruh ambaxxaturi, Kardinali, Kavalieri, u bosta kbarat oħra li kollha kellhom kliem ta' tifħir għalih wara li kellmuh.

Igħidulna l-istoriċi li mnejn għadda Osman sakemm wasal f'Ruma, huwa dejjem sab il-bibien tal-Kbarat miftuħin u bl-imħatra bejniethom dwar min kellu l-ħila jagħtih l-ogħla ġieh. Dukijiet u Prinċpijiet ħarġu jilqgħuh u bagħtu miegħu gwardji ta' l-unur sakemm qasam il-provinċja tagħhom.

Fra Domenico di San Tommaso dam 4 snin f'Ruma fejn temm l-istudji tiegħu filosofiċi. Biex jieħu t-teoloġija xtaqu jibagħtuh fl-aqwa Università li kien hawn fl-Ewropa. Xi ħadd issuġġerixxa li jibagħtuh Salamanka, fi Spanja, iżda billi l-Kardinal Barberin kien kontra din l-idea, ried li jibagħtu Franza, u b'riħet hekk jippreżentah lis-Sultan Lwiġi XIV. Sa dan iż-żmien Fra Domenico kien laħaq Patri u sar magħruf bħala Padre Ottomano.

Fit-30 ta' Awissu, 1664, niltaqgħu ma' Padre Ottomano fi triqtu lejn Pariġi fejn kellu tluq tabilħaqq Prinċipesk u wasal f'din il-belt fis-27 ta' Jannar, 1665. Dlonk ġriet l-aħbar mal-belt kollha bil-wasla tiegħu, u għadd ta' nobbli, kbarat u s-Sultan innifsu laqgħuh bl-akbar qima. F'Pariġi ġie milqugħ fil-kunvent tal-Lunzjata, immexxi mill-Patrijiet Dumnikani, u sakemm dam hemm iż-żjarat ta' ambaxxaturi u kbarat oħra ma naqsux. Darba minnhom inzertaw waslu f'Pariġi, żewġ Ministri Torok, li ġew fuq missjoni importanti ħafna, u meta semgħu b'Padre Ottomano xtaqu jarawh u jkellmuh. Baqgħu mistagħġba bix-xebh kbir li kien hemm bejn Osman u l-Kbir Sultan Ibrahim.

F'Pariġi dam tliet snin, u fis-27 ta' Lulju, 1667, telaq minn hemm u wasal f'Ruma f'Jannar ta' l-1668.

Sadattant, l-assedju ta' Kandja kien għadu sejjer. Kienu

mdaħħlin fih tista' tgħid il-ġnus kollha Ewropej, fosthom il-Kavalieri ta' Malta, li marru wkoll igħinu lil ħuthom l-Insara li kienu se jitqabdu kontra l-Imperu Ottoman. Ibrahim ħalef li jitħallas mill-Insara għat-telfa li ġarrab bil-qbid tal-Galjun, l-aktar għat-telfa ta' Zafira u ta' ibnu Osman. Kandja ġarrbet wieħed mill-eħrex assedji li qatt ġarrbet u kellha teħodha ma' armata qawwija Musulmana.

Hawn nibtet l-idea li jistgħu jinqdew b'Padre Ottomano biex forsi jirnexxilu jdawwar għal urajh il-Misilmin kollha li kienu qed jinvadu Kandja. Għaddiet korrispondenza bejn Padre Ottomano u l-Patrijarki, Isqfijiet u Kbarat Griegi biex iqawwu qalb l-Insara ta' hemm, li forsi ma jdumx ma jkollhom il-ħelsien. Fl-14 ta' Mejju, 1668, imbarkat fuq il-Kaptana u mogħti l-unuri kollha ta' Ambaxxatur, Padre Ottoman telaq ma' l-iskwadra tal-Papa, fejn wasal Kandja fis-7 ta' Lulju, 1668 u ġie milqugħ fil-fortizza ta' Suda. Il-proġett li kien maħsub tajjeb ħafna falla kompletament, u minflok ma ġie maħtur mexxej ta' ġensu, kellu jerġa' lura, u fis-6 ta' Settembru, 1669, Kandja waqgħet taħt il-ħakma Musulmana.

Padre Ottomano telaq lejn Ruma fejn deher quddiem il-Papa biex jagħtih rendikont ta' dak kollu li kellu jagħmel fil-missjoni tiegħu. F'Ruma dam sitt snin li fihom baqa' f'kunvent jistudja. Fit-3 ta' Settembru, 1675 ġie mlaħħaq Majjistru tat-Teoloġija u Prijur tal-Portu Salvu u Vigarju Ġenerali tal-kunventi ta' Malta kollha. Għall-aħħar ta' Ottubru telaq minn Ruma u wasal Malta fit-28 ta' Marzu, 1676 imbarkat fuq xini Ġerosolmitan.

Kien dellu tqil l-imsejken Patri, għaliex malli daħal f'Malta, sab li kien hawn il-pesta u kienet ġa qerdet ħafna nies. Hawn ħass id-dmir li bħala qaddej t'Alla kellu joħroġ idur bil-morda u anki jhejjihom biex jidhru quddiem l-Imħallef Divin. Imma l-pesta ma kienet taħfirha lil ħadd, u f'qasir żmien attakka hu wkoll, għadilli l-Patrijiet sħabu wissewh kemm-il darba biex ma jesponix ruħu għal tiġrib hekk tal-biża'. Biex forsi jeħles mill-marda, tela' fil-kunvent tar-Rabat li kien baqa' ħieles mill-flaġell, imma meta ikkalmat ftit il-marda, reġa' niżel il-Belt fejn kellu jitniġġeż. It-tobba irrikkmandawlu li jeħduh l-Isla, f'każin sabiħ li kien offrielu wieħed sinjur, u hemm seta' jsib l-arja pura. Imma l-marda kienet daħlet 'il ġewwa wisq, u fil-25 ta' Ottubru, 1676, meta kien għad kellu 34 sena, miet.

Il-Gran Mastru għela wisq għat-telfa tiegħu u amar li jingħatalu luttu skond il-Persunaġġ li hu. Il-katavru tiegħu kien akkompanjat minn 12-il Kavalier Gran Kruċ, il-Kastelli u x-xwieni tawh salut u l-Kbarat u n-Nobbli Maltin flimkien ma' ħlejjaq kbar marru jagħtuh l-aħħar qima.